# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar it- 8 ta' Mejju, 2023

Avviz tat-Talba numru: 284/2022 CL

**Mauro Magro** [K.I. NRU.273995)

**VERSUS**

**Gazed Limited** (C90700)

It-Tribunal;

B'Avviz tat-Talba mressaq nhar il-17 ta' Ottubru 2022, l-atturi talbu sabiex s-socjeta konvenuta tigi iddikjarata debitrici tal-attur fl-ammont ta' hamest elef euro (€5000), bl-imghax legali dekoribbli bir-rata ta' 8% sad-data tal-pagament effettiv u dan in rapprezentanza tal-fatturi FP-2201 u FP-2202, u kif ukoll in rapprezentanza tal-ispejjez legali inkorsi mill-attur ghall-ftehiem ta' kostituzzjoni ta' debitu. Kosegwentament tikkundana lis-socjeta konvenuta sabiex jhalsu l-ammont ta' hamest elef euro (€5,000) bl-imghax legali ta' 8% sal-pagament effetiv, bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Skond it-talba, is-socjeta attrici kienet iffirmat ftehiem ta' servizzi mal-atttur fit-2 ta' Awwissu 2021[1], fejn l-attur obbliga ruhu li jaghmel xoghol relatat ma' *accountancy* fuq struzzjonijiet tas-socjeta konvenuta. Fis-26 ta' Marzu 2022, il-partijiet regghu iffirmaw *addendum*[2] taht il-kappa tal-imsemmi ftehiem originali sabiex is-servizz tal-attur jkun estiz ghal konsultazzjoni dwar l-iskemi tal-Malta Enterprise. Is-socjeta konvenuta obbligat ruhha li thallas lill-attur dawk l-ammonti maqbula. Is-socjeta konvenuta inkarigat lil attur jaghmel xoghol deskritt fill-fatturi FP2201 u FP2202 (annessi), izda minkejja li l-attur ghamel ix-xogholijiet kollha minnu rikjest, is-socjeta konvenuta naqset milli tottempra ruhha mal-obbligazzjonijiet minnha assunti u thallas l-ammont dovut. Is-socjeta konvenuta qatt ma kkontestat l-ammont, tant illi kienet disposta tidhol fi ftehiem ta' kostituzzjoni ta' debitu mal-attur u ghalhekk kien ingagga assistenza legali

[1] Foll 5
[2] Foll 9

kif jidher mill-fattura[3], izda baqghet inadempjenti. Minkejja diversi interpellazzjonijiet is-socjeta konvenuta baqghet moruza ghalkemm l-ammont pretiz qatt ma gie ikkontestat u x-xoghol maghmul mill-attur gie accettat mis-socjeta konvenuta. L-ammont mitlub fit-talba qieghed jigi limitat ghal €5000 sabiex it-talba tibqa' fil-kompetenza tat-Tribunal.

Is-socjeta konvenuta giet nnotifikati fit-28 ta' Ottubru 2022 bl-avviz tat-talba, izda naqset li tipprezenta risposta fi zmien mitlub mill-ligi. Ghalkemm it-Tribunal permezz tad-digriet datat 11 ta' Jannar 2023 laqa' r-rikors fejn is-socjeta konvenuta iggustifikat l-kontumacja taghha bbazat fuq il-fatt illi s-socjeta konvenuta kienet waqfet l-operat taghha minn dan l-indirizz u ghalhekk in-notifika inghatat lil terzi. Minkejja, li dan id-digriet kien jghid illi **<u>flimkien</u>** <u>mar-risposta kellha ssir</u> prova li t-tibdil fl-indirizz tal-kumpanija huwa rifless mar-Registru tal-Kumpaniji, is-socjeta konvenuta ipprezentat risposta u naqset milli totempra ruha ma din il-kondizzjoni. Fil-fatt is-socjeta konvenuta ikkonfermat fis-seduta tal-1 ta' Frar 2023, li l-indirizz kien ghadu ma inbidilx. Ghalhekk it-Tribunal ordna l-isfilz tar-risposta ghax is-socjeta konvenuta m'ottompratx ruhha ma dak mitlub mit-Tribunal ghax irrizulta liil s-socjeta konvenuta kienet minghajr indirizz ghal diversi xhur[4].

Fl-1 ta' Frar 2023, is-socjeta attrici ipprezentat l-affidavit tal-attur flimkien mad-dokumenti annessi, fejn l-attur spjega illi kellu l-ewwel laqgha ma' Magdalena Kalbarczyk, li hija direttur u azzjonsta tas-socjeta konvenuta fis-17 ta' Novembru 2021, fejn intalab sabiex jassistiha bl-gheluq tal-kumpanija. Hu kien hejja quotation u *contract of service* li ghaddihomlha b'email fejn l-*invoices* kellhom jithalsu fi zmien sebat ijiem, ghalkemm hu kien taha aktar flessibilita' ghal-hlas. F'Dicembru 2021, hu gie infurmat illi l-intenzjoni tal-kumpanija inbidlet u talbitu jahdem fuq zewg incentivi ta' Malta Enterprise biex takkwista fondi u tkompli topera. Kien bghat *addendum* bir-rati ghal dan ix-xoghol u biex taghti l-kunsens taghha , li gie iffirmat minnha fis-26 ta' Marzu 2022. F'Gunju 2022 hu kien lesta x-xoghol u bghatilha l-applikazzjoni li hi bghatitlu iffirmat fit-22 ta' Gunju 2022. Hu kien bghatilha l-fatturi bin-numru FP2201 u FP2202 fl-4 ta' Lulju 2022 u l-kumpanija kienet lesta li thallashom fl-ammont ta' €500 fix-xahar. Fis-17 ta' Awwissu 2022 kien ghamel kuntatt mal-kumpannija tramite l-avukat tieghu biex ssir *repayment agreement* ta' €500 fix-xahar kif kienet issugerit il-kumpanija stess, u ghalkemm dan il-ftehiem gie abbozzat qatt ma gie iffirmat.

Fid-29 ta' Marzu 2023, saret it-trattazzjoni mid-difesnsuri tal-partijiet.

It-Tribunal ra d-dokumenti pprezentati mill-attur li jinkludi l-ftehiem iffirmat u l-*addendum*, l-fattura u l-kommunikazzjoni permezz ta' e mail li sar bejnu u d-direttur tas-socjeta konvenuta dwar z-zewg fattura. Ma jidhirx li l-fattura gew ikkontestati izda s-socjeta konvenuta kienet ser thallashom permezz ta' pagamenti mensili. Ra illi t-talba ta' €5000 kien jinkludi l-ispejjez legali ta' €295 li huma spejjez legali inkorsi mill-attur sabiex jigi ifformulat ftehiem ta' Kostituzzjoni ta' Debitu. Dan il-ftehiem ma giex ipprezentat u m'hemmx prova li

---

[3] Foll. 13.

[4] Fit-28 ta' Ottubru 2022, saret in-notifika u skond is-socjeta konvenuta ma kinitx ghadha topera minn dak l-indirizz.

l-konvenuta kienet disposta tidhol fi ftehiem ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ghalhekk it-Tribunal mhux ser jiehu konjissjoni ta’ dawn l-ispejjez.

Ghaldaqstant, fid-dawl tac-cirkostanzi fuq deskritti, it-Tribunal ser jilqa’ t-talba tal-attur izda mill-ammont mitlub ta’ €5000 ser titnaqqas l-ammont ta’ €295 u ghalhekk tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debetrici tal-attur fl-ammont ta’ erbat elef seba’ mija u hames euro (€4705) u konsegwentament jordna lis-socjeta konvenuta thallas lil-attur is-somma ta’ €4705 bl-imghax legali mid-data tal-kawza odjerna sal-hlas shih. Spejjez tal-kawza jithalsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**